# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 25 ta' Novembru, 2016**

**Numru: 12**

**Rikors Numru: 73/14 LSO**

**Dr Joseph Zammit Tabona u Raffaela Zammit Tabona**

**v.**

**1. Direttur Generali tal-Qrati tal-Gustizzja**
**2. Direttur tal-Qrati Civili u Tribunali**
**3. L-Avukat Generali tar-Repubblika**
**4. u b'digriet tal-10 ta' Marzu 2015 gie kjamat in kawza Charles *sive* Charlie Saliba**

**Preliminari**

1. Dan hu provvediment dwar talba li saret mill-appellant Carmel Saliba permezz ta' rikors datat 10 ta' Ottubru 2016, ghar-rikuza tal-President tal-Qorti l-Imhallef Silvio Camilleri u tal-Imhallef Giannino Caruana Demajo a tenur tal-Artikolu 734(1)(d)(ii) tal-Kodici ta'

Organizazzjoni u Procedura Civili [il-Kap. 12].

## Fatti relevanti

2. Permezz ta' sentenza fl-ismijiet **Dr Joseph Zammit Tabona et v. Charles sive Charlie Saliba** moghtija fl-4 ta' Marzu 2008 fil-kawza numru 1196/2000 GCD, kif konfermata b'sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-6 ta' Ottubru 2009, l-appellant instab responsabbli ghal serqa ghad-dannu tal-appellati Dr Joseph Zammit Tabona u ta' martu May li mietet fil-mori ta' dawk il-proceduri.

3. Sussegwentement l-istess appellant istitwixxa proceduri kostituzzjonali [71/2009] li permezz taghhom, wara li talab dikjarazzjoni gudizzjarja li bis-sentenzi fuq indikati gew vjolati drittijiet fundamentali tieghu, talab bhala rimedju r-revoka ta' dawk is-sentenzi. It-talba tieghu giet michuda kemm fl-ewwel istanzi, kif ukoll minn din il-Qorti, allura presjeduta mill-President tal-Qorti l-imsemmi Prim' Imhallef, b'sentenza taghha tal-15 ta' Dicembru 2012. Konsegwentement l-appellant Carmel Saliba fetah proceduri kontra Malta quddiem il-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, liema proceduri ghadhom pendenti.

4. Fil-frattemp l-appellati ipprezentaw rikors fejn ghamlu talba sabiex is-sentenza tal-4 ta' Marzu 2008 kif konfermata bis-sentenza tal-Qorti

tal-Appell fis-6 ta’ Ottubru 2009 tigi esegwita bil-procedura tas-subbasta, liema rikors gie milqugh fit-13 ta’ Frar 2013.

5. L-appellant Carmel Saliba irreagixxa ghal dan id-digriet billi, permezz ta’ rikors talab is-sospensjoni tas-subbasta in vista tal-fatt, inter alia, li l-proceduri quddiem il-Qorti Ewropea, relatati mad-decizjonijiet li kienu nghataw fil-proceduri kostituzzjonali fil-kawza bin-numru 71/2009 kienu ghadhom pendenti. It-talba tieghu giet milqugha b’digriet moghti mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fis-6 ta’ Awwissu 2014 abbazi tal-konsiderazzjoni li l-proceduri quddiem il-Qorti Ewropea kienu ghadhom pendenti u ghalhekk kien hemm impediment legittimu ghall-prosegwiment tal-proceduri tas-subbasta. Dik il-Qorti regghet ikkonfermat id-digriet taghha permezz ta’ digriet iehor moghti fis-7 ta’ Novembru 2013 fuq talba tal-appellati.

6. B’reazzjoni ghad-digrieti li issospendew il-proceduri tas-subbasta, l-appellati istitwew il-proceduri kostituzzjonali odjerni numru 73/2014 fejn, fil-qosor, qed jitolbu dikjarazzjoni gudizzjarja li d-digrieti tas-sospensjoni huma vjolattivi tad-drittijiet fundamentali taghhom fit-termini tal-Artikoli13 u 6 u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, u l-Artikoli 37 u 39 tal-Kostituzzjoni ta Malta, in kwantu huma qeghdin jigu michuda milli jesegwixxu s-sentenzi moghtija fil-proceduri 1196/2000 u li huma defenittivi. Din it-talba giet milqugha u kien

ghalhekk li kien gie ipprezentat l-appell odjern.

7. L-istess Carmel Saliba issa qed jitlob ir-rikuza tal-President tal-Qorti u tal-Imhallef Giannino Caruana Demajo in kwantu qed jikkontendi li biex tiddeciedi l-mertu ta' din il-kawza il-Qorti ser ikollha necessarjament tistharreg l-implikazzjonijiet tal-kawza pendenti quddiem il-Qorti Ewropea. Isostni li ghalhekk huwa ser ikun zvantaggjat ghaliex uhud mill-istess gudikanti li iddeterminaw ir-responabbilita` tieghu ghas-serqa [l-Imhallef Caruana Demajo] in kwistjoni, u li sabu li ma kienx hemm ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu f'dawk il-proceduri [Il-Prim Imhallef Silvio Camilleri], ser ikunu issa qed jiddeciedu jekk il-vjolazzjonijiet li qed jilmenta minnhom l-appellati kinux jiggustifikaw is-sospenzjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenzi li nghataw fil-proceduri numru 1196/2000.

8. L-appellanti, filwaqt li iccitaw mid-dottrina tal-Qorti Ewropea, ikomplu jfissru hekk ir-raguni ghat-talba taghhom:

> "Illi dan ipoggi lill-esponent fi zvantagg konsiderevoli in kwantu l-istess gudikanti li semghu u ddeterminaw il-kawza dwar ir-responsabbilta' tieghu ghas-serqa in kwistjoni (li minnha huwa qed jillamenta dwar ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu quddiem il-Qorti Ewropea) u li semghu u ddeterminaw il-kawza Kostituzzjonali (li l-mertu taghha jinsab bhalissa pendenti quddiem il-Qorti Ewropea) u sabu li ma kien hem l-ebda ksur, ser ikunu issa qieghdin jiddeciedu jekk il-vjolazzjonijiet li qed jillamenta minnhom l-esponent kienux tassew jiggustifikaw issospensjoni tas-sub hasta jew inkella le;
>
> "Illi filwaqt li l-esponent ghandu fiducja fil-qrati tal-gustizzja hu bl-ebda mod ma jixtieq jigi interpretat illi qieghed juri xi disrispett, jissottometti bl-

> akbar rispett illi huwa ma jistax ma jhossux skomdu fid-dawl tal-massima illi *'justice must not only be done: it must also be seen to be done',* fi kliem l-awturi Harris, O'Boyle u Warbrick."

9. Fir-risposta taghhom l-appellati, wara li iccitaw kazistika lokali, jissottomettu inter alia illi l-Artikolu 734(1)(d)(ii) fuq citat ma jghoddx ghal decizjoni moghtija mill-Imhallef meta l-Qorti mmexxija minnu ma tkunx qatghet definittivament il-mertu fil-kwistjoni bejn il-partijiet. Jghidu li l-mertu ta' dawn il-proceduri kostituzzjonali huwa l-esekuzzjoni tas-sentenza moghtija fil-proceduri numru 1196/2000 u mhux l-implikazzjonijiet tal-kawza li wasslet ghal dik is-sentenza. Ghalhekk jissottomettu li ma hemm ebda dubju genwin li jimmerita rikuza.

**Konsiderazzjonijiet**

10. L-Artikolu tal-ligi li fuqu l-appellant qed jibbaza it-talba tieghu ghal rikuza hu l-Artikolu 734(1)(d)(ii) tal-Kap: 12 li jistipula hekk:

> "(1) L-Imhallef jista' jigi rikuzat jew jastjeni ruhu milli joqghod fil-kawza:
>
> "(d)(ii) jekk il-kawza kienet ga giet quddiemu bhala imhallef jew bhala arbitru:
>
> "Izda dan ma jghoddx ghal decizjoni moghtija mill-Imhallef meta ma tkunx qatghet definittivament il-mertu fil-kwistjoni bejn il-partijiet, u lanqas ghal sentenza li tehles ad observantia."[1]

11. Fir-rigward jinsab ritenut:

[1] Sottolinear ta' din il-Qorti

"... … … Illi f'dan ir-rigward tajjeb jingħad li biex raġuni twassal għall-astensjoni jew għar-rikuża ta' ġudikant din trid tkun waħda konkreta u mhux biss mistħajla. B'mod partikolari ingħad li "il-liġi ma tridx li, sempliċement għax parti jew oħra f'kawża 'tħoss' jew 'jidhrilha' li ġudikant jista' jkun parzjali, allura dak il-ġudikant għandu ma jiħux konjizzjoni ta' dik il-kawża. Apparti l-obbligu li l-liġi timponi fuq il-ġudikant li joqgħod f'kull kawża li tiġi lilu assenjata skond il-liġi u li jastjeni jew jilqa' l-eċċezzjoni tar-rikuża fil-każijiet biss fejn ikun legalment ġustifikat li huwa ma jkomplix jieħu konjizzjoni ta' dik il-kawża, mhux kull 'ħsieb' ta' parzjalita' li jista' talvolta jgħaddi minn moħħ parti jew oħra, jista' jingħad li huwa 'oġġettivament ġustifikat'. It-test oġġettiv ta' l-imparzjalita', anke kif mifhum mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jirrikjedi li jkun hemm bażi oġġettivament riskontrabbli"[2]

12. Fid-dawl ta' dak li jistipula l-artikolu precitat il-vertenza li ghandha quddiemha din il-Qorti tirrigwardja essenzjalment in-natura ta' "il-meritu tal-kwistjoni" li ghandha quddiemha din il-Qorti. Din il-Qorti tirrileva li harsa lejn il-meritu ta' dawn il-proceduri jwassal sabiex jirrendi legalment insostenibbli t-talba tal-appellat. Dan ghaliex fil-proceduri civili numru 1196/2000 il-meritu kien jirrigwardja r-responsabbilita` civili ghad-danni da parti tal-appellant; fil-proceduri kostituzzjonali numru 71/2009 il-meritu kien is-sejba o meno ta' vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-appellat rizultat tal-proceduri civili; fil-proceduri kostituzzjonali numru 73/2014, dawk odjerni, il-meritu hu - jekk is-sospenzjoni tal-proceduri tas-subbasta mibdija mill-appellati in esekuzzjoni tas-sentenzi decizi fil-proceduri 1196/2000 jilledix id-drittijiet fundamentali tal-istess appellati, senjatament dawk ta' smigh xieraq, access ghal qorti u dritt ghat-tgawdija pacifika tal-proprjeta`.

---

[2] Ara kazistika citata b'approvazzjoni fil-kaz App.Inf. **Gordon Grixti Fino v. St.Patrick's salesian School**, deciz 30 ta' Settembru 2015

13. Mill-premess ghandu jirrizulta car li l-proceduri odjerni m'humiex marbutin mal-proceduri civili fejn giet deciza r-responsabbilita` civili tal-appellant, izda huma limitati ghall-vertenza: jekk is-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenzi defenittivi tilledix id-drittijiet fundamentali tal-appellanti; meritu dan, li jinvolvi konsiderazzjonijiet fattwali u legali differenti minn dawk involuti fil-pronunzjament dwar is-sejba tar-responsabbilita` ghad-danni, stante li l-konsiderazzjonijiet huma limitati ghall-ezami dwar l-esekuzzjoni tas-sentenzi fid-dawl tad-dispozizzjonijiet kostituzzjonali u konvenzjonali fuq indikati.

14. Ghaldaqstant din il-Qorti ma tarax kif is-sentenza moghtija fl-4 ta' Marzu 2008 mill-Qorti Civili immexxija mill-Imhallef Caruana Demajo tista' twassal sabiex tigi sostnuta t-tezi tal-appellant bazata fuq l-artikolu precitat.

15. L-istess konsiderazzjonijiet japplikaw ghat-talba inkwantu diretta lejn il-Prim' Imhallef ghax, minkejja li kien ippresjeda l-Qorti Kostituzzjonali fil-proceduri fil-kawza numru 71/2009, xorta wahda l-meritu tal-proceduri odjerni, li jikkoncernaw il-vertenza dwar is-sospensjoni tal-esekuzzjoni ta' sentenza, huwa differenti mill-meritu dibattut u deciz fil-proceduri kostituzzjonali f'dik il-kawza fejn il-vertenza kienet tirrigwardja sejbien o meno ta' vjolazzjoni tad-drittijiet

fundamentali tal-appellant fil-proceduri bin-numru 1196/2000.

16. Fl-ahharnett din il-Qorti tosserva li l-fattur tal-iskomdu senjalat mill-appellant li z-zewg imhallfin fuq imsemmija jippresjedu fuq il-kawza odjerna mhuwiex sufficjenti fil-ligi sabiex tregi t-talba tieghu ghar-rikuza; kif lanqas iregi l-ilment tieghu li hu ser jigi zvantaggjat bil-kompozizzjoni ta' din il-Qorti.

17. Ghaldaqstant din il-Qorti hi tal-fehma li f'dan il-kaz ma hemmx bazi oggettiva li tirrendi legalment sostenibbli t-talba tal-appellant, jew li titfa' dubju legittimu dwar l-imparzjalita` taz-zewg imhallfin fuq indikati f'din il-Qorti

Ghar-ragunijiet premessi tichad it-talba.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df